MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1607/1999/1

**Anthony u Maria Dolores konjugi Rotin**

**Vs**

**Andrew Abela**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-kontendenti kienu involuti f'incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Marzu 1999 f'Tal-Barrani Road, Zejtun fis-6.10 am meta l-konvenut li kien qed isuq vettura truck AEC bin-numru ta' registrazzjoni **DAM 313** u hu u hiereg minn side road ghal go Triq il-Barrani, Zejtun gie quddiem il-vettura ta' l-attur u waqghatlu l-bieba ta' wara ta' l-istess

truck ghal fuq il-vettura tal-attur, ossia Skoda bin-numru ta' registrazzjoni **FAB 538**.

Premess illi dan l-incident sehh tort unikament tal-konvenut minhabba mperizja u negligenza meta naqas li jassigura ruhu li l-bieba ta' wara tal-vettura tieghu hija marbuta b'tali mod li ma tistax tkun ta' periklu ghal haddiehor u kif ukoll minhabba non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Premess illi a kawza ta' dan l-incident l-atturi sofrew danni konsistenti f'dawk ta' natura permanenti fuq il-persuna ta' l-attur, telf ta' xoghol, kif ukoll hsarat ikkawzati fuq il-vettura ta' l-atturi.

Premess illi l-konvenut ghalkemm debitament interpellat sabiex jersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni baqa' inadempjenti.

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Marzu 1999 f'Tal-Barrani Road, Zejtun fis-6.10 am bejn il-kontendenti sehh tort unikament tal-konvenut minhabba mperizja u negligenza meta naqas li jassigura ruhu li l-bieba ta' wara tal-vettura tieghu hija marbuta b'tali mod li ma tistax tkun ta' periklu ghal haddiehor u kif ukoll minhabba non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

2. Tiddikjara illi a kawza ta' dan l-incident l-atturi sofrew danni konsistenti f'dawk ta' natura permantenti fuq il-persuna ta' l-attur, telf ta' xoghol, kif ukoll hsarat ikkawzati fuq il-vettura ta' l-atturi.

3. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-atturi okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma likwidata ai fini tat-tielet talba.

Bl-ispejjez u l-imghax.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 20 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi, relattivament ghall-ewwel talba attrici, din hija nfondata sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident *‘de quo’* kien unikament responsabbli l-istess attur stante imperizia, negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas t’osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

2. Illi relattivament ghat-tieni talba attrici, isegwi li din ghandha wkoll tigi michuda bl-ispejjez stante li ma hemmx danni x’jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjenti ;

3. Illi relattivament ghat-tielet talba attrici, isegwi li dina wkoll ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ma hemmx danni li ghalihom l-eccipjenti ghandu jigi kundannat li jaghmel fronti.

4. Salvi kull eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digriet a fol 38;

Rat ir-rapport tal-espert mediku a fol 80;

Rat il-verbal a fol 92;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Rat in-noti tal-partijiet;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**PROVI**

**P.S. 727 Joe Muscat** xehed li kien investiga dina l-kollizjoni. Skond l-okkorrenza is-sewwieq tat-truck qallu:

*Driver emerged from Tarxien Rd into tal-Barrani Road, crossed Tal-Barrani Rd and on proceeding to the direction of St Lucia driver of car Skoda dashed on the rear part of the truck. On being asked if the rear door was fixed at the rear of the truck or if it was let loose in the truck's box, driver stated that it was fixed at the rear of the truck.*

*Driver (l-attur) stated that he was proceeding along Tal Barrani Road and driver of truck emerged from Tarxien Road and whilst doing so the rear door of the truck fell and dashed into his car.*

Il-konvenut kien qallu li l-bieba tat-truck ma kinitx tigri fil-kaxxa tat-truck imma kienet imwahhla fil-post. Meta mar fuq il-post hu sab il-bieba ma l-art fejn l-Skoda mentri t-truck kien mexa ftit il-quddiem. L-attur kien qallu li *"taret il-bieba, tlift Il-kontroll, imbaghad ma nafx x'gara izjed".* Fir-ritratti jidhru tlett pins tal-kaxxa u wahda minnhom ma kinitx hemm. (ara fol 61).

**L-attur** xehed li kien qed isuq il-vettura Skoda f'Tal Barrani Road, sejjer fid-direzzjoni ta' Santa Lucia fuq il-lane ta' barra biex jikser fuq il-lemin gos side road li tiehu ghall Bulebel. Kien ghaddej b'xi 40/45 kilometri fis-siegha. Qabel din is-side road, hemm side road ohra fuq il-lemin li taghti ghall go Tal-Barrani Road. F'daqqa wahda hariglu truck minn dina s-side road u gie quddiemu biex imur fl-istess direzzjoni bhalu. Hu nhasad u ghafas il-brake kemm felah, skappah bi ftit u ma messx mieghu izda dak il-hin ra cappa hadid hiereg minn gol-kaxxa tat-truck ghal fuq il-karozza tieghu. Dak il-hin intilef minn sensih u reggha gie f'tieghu l-Isptar. Wara sar jaf li dik ic-cappa hadid kienet il-bieba ta' wara tat-truck.

**Il-konvenut** xehed li kien hiereg mit-triq l-antika taz-Zejtun biex jidhol go Tal-Barrani Road. Waqaf, hares il-fuq u l-isfel, xeghel l-indicator, ma rahx karozzi gejjin u hareg. Qabez iz-zewg lanes u mar fil-lane ta' gewwa mal-hajt fid-direzzjoni tal-Belt. Hekk kif gie ghad-dritt, ihoss daqqa

kbira fuq wara li imbuttatu distanza l-quddiem. Nizel u sab il-bieba tat-truck fejn il-karozza li habtet mieghu. Id-daqqa kienet fuq il-ganc minn fejn jirmunka u fuq il-mudguard ta’ wara tal-lemin.

Fuq kontroezami wiegeb li l-viswali minn fejn hareg hija fit-tul. Meta qala id-daqqa hu kien ghadu kif kiser u gie mal-lane ta’ gewwa. Mill-pins kien baqa’ wiehed biss. Hargu bid-daqqa.

**KONTESTAZZJONI**

L-attur qed jissottometti li l-konvenut hariglu minn *side street*, qasam iz-zewg karreggjati gejjin minn naha tal-Belt, qasam ic-*central strip* u gie quddiemu , fl-istess karreggjata tieghu. Hu inhasad u zamm il-brake . L-attur ighid li ma dahalx got truck izda skapulah u dak il-hin waqghet il-bieba ta’ wara tat-truck fuq il-karozza tieghu, hassu hazin u spicca l-isptar. Il-karozza giet *total loss* mentri hu sofra disabilita’ permanenti.

Minn naha l-ohra l-konvenut qed isostni li l-attur baqa’ diehel bil-karozza tieghu fuq wara tat-truck u bid-daqqa l-bieba tat-truck waqghet fuq il-karozza ta’ l-attur.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti hi tal-fehma li l-hsarat li garrbet li karozza Skoda u fejn garbithom ma setghux gew kawzati biss bil-waqa’ tal-bieba fuq l-iskoda izda li l-karozza kienet dahlet ukoll fuq wara tat-truck u imbaghad waqghet il-bieba fuq il-karozza. Il-Qorti tahseb li l-impatt fuq l-iskoda kien kif iddeskrivih is-Surveyor Cumbo, cjoe mat-truck, imma kien hemm ukoll id-daqqa tal-bieba li waqghet fuq il-karozza.

Imma nonostante dan il-Qorti xorta hi tal-opinjoni li anke jekk l-attur baqa’ diehel bil-karozza fuq wara tat-truck, xorta wahda l-incident sehh tort tal-konvenut li naqas li jiehu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jaccerta ruhhu li

hu u hiereg minn *side road* ma kienx qed jostakolu t-traffiku gej minn Tal-Barrani Road, il-Main Road.

“Id-driver li jkun diehel minn *side road* ghal go *main road* ghandu certi doveri x’josserva, fosthom dak li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma johrog fiha, u dak li jmexxi “*dead slow*” u sahansitra jwaqqaf, sakemm jaccerta ruhhu li jista johrog bla hsara”. (Vol 37 p4 p 1137).

"Il-fatt li s-*side road user* gie milqut meta kien ittraversa bicca sewwa mit-triq principali huwa rrilevanti" App.Krim. **Pul vs C.Balzan** 27.5.67 . "Is-*side road user* irid jidhol gol *'main road'* bla ma jiehu riskji li driver prudenti ma jiehux". *“Side road user ma jistax johrog go main road bl-izgiccaturi”*. App.Krim **Pul vs G.Gales** Vol 37 p 1108 *"Meta wiehed jigi biex jaqsam it-triq b'karozza dan irid jara li ma jkunx hemm traffiku, mhux biss meta jibda jaqsam imma anke sakemm jaqsam ghal kollox".* App Civ. *H. Farrugia vs R. Ripard*. 15.2.74

"Il-*Main Road user* ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-*side road user* ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi ghad-dritt." (Ara App.Civ. **Mag. A. Stagno Navarra vs N. Saliba** Vol XLV p1 p 389; Il-**Pulizija vs G.Buttigieg** et Vol XLV11 p4 p 1198; VOl XLV1 p1 p 112; **Camilleri vs Dimech** App Civ. 27.7.91; **Portelli vs Spiteri** PA/JSP 16/12/93;PA **Gauci Maistre vs Galea** 22.2.94 JSP).

Fil-kaz in ezami l-konvenut xehed li kien hiereg mit-triq l-antika taz-Zejtun biex jidhol go Tal-Barrani Road. Waqaf, hares il-fuq u l-isfel, xeghel l-indicator, ma rahx karozzi gejjin u hareg. Qabez iz-zewg lanes u mar fil-lane ta’ gewwa mal-hajt fid-direzzjoni tal-Belt. Hekk kif gie ghad-dritt, ihoss daqqa kbira fuq wara li imbuttatu distanza l-quddiem. Mis-*side road* huwa kellu viswali fit-tul. Meta qala id-daqqa hu kien ghadu kif kiser u gie mal-lane ta’ gewwa.

Tikkunsidra

Fil-kaz in ezami, l-kawza prossima u immedjata ta' l-incident kienet il-mod inkonsult kif l-konvenut qabad u hareg minn *side street* bla ma ha l-prekawzjonijiet kollha li hu kien obbligat jiehu qabel ma johrog fuq it-triq principali li fiha l-attur certament kellu ir-*"right of way"*. L-attur allura fil-konfront tal-konvenut ma kien jehtieglu jipprova xejn biex jiskolpa ruhu ghax hu kellu kull dritt jippretendi li l-karreggjata tieghu tkun ghal kollox hielsa mit-traffiku li ma kienx qed jigi bhalu misjuq fuq it-triq principali.

Il-konvenut jinsisti li waqaf, hares u ma rahx karozzi gejjin. Imma anke kieku verament f'xi hin waqaf, certament hu ma harisx, jew jekk hares, ma harisx sewwa ghax kieku kien jara lill-attur gej. Il-konvenut kellu vizwali ghat tul hafna fid-direzzjoni mnejn kien gej attur. Kieku hares f'dik id-direzzjoni, l-konvenut kien jara l-vettura ta' l-attur gejja ghax dina ma waqghetx mis-sema.

Fic-cirkostanzi partikolari ta' dana l-kaz, il-konvenut kellu joqghod aktar attent billi huwa mhux biss kien ser jidhol fil-karreggjata minn fejn kien ghaddej l-attur imma kellu wkoll qabel jaqsam zewg karreggjati ohra gejjin mid-direzzjoni tal-Belt.

Inoltre jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut stess li hu ghala d-daqqa appena dahal fil-karreggjata li minnha kien gej l-attur ghalhekk jirrizulta li ma kienx *safe* ghall konvenut li jaghmel il-manuvra li fil-fatt ghamel.

Minn dana kollu jirrizulta b'mod car li l-element determinanti li pprovoka l-incident u li jista titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut kien il-fatt li l-konvenut baqa' hiereg minn triq laterali ghal fuq triq principali bla ma ha l-prekawzjonijiet kollha li hu kien obbligat jiehu qabel ma johrog fuq it-triq principali u b'hekk holoq emergenza subitaneja ghall attur.

Il-konvenut qed jallega *speed* da parti ta' l-attur (ara nota ta' sottomissjonijiet tieghu) u ghamel riferenza ghad danni kbar li kellha l-vettura .

Dwar dana l-attur xehed li kien ghaddej bil 40/45 kilometri fis-siegha f’Tal Barrani Road, li hija triq li tiflah *speed*. Il-Qorti tirrileva li fir-rapport tas-surgent imkien ma gie allegat li l-attur kien ghaddej bi *speed*. Inoltre id-danni kagjonati fuq l-iskoda huma spjegabbili billi l-habta kienet ma truck mill-kbar tal-gebel, appart il-daqqa li l-iskoda hadet meta waqghet il-bieba tat-truck fuqha.

Il-principji rikonoxxuti fil-gurisprudenza *"in civilibus"* rigward l-effett ta' **velocita' ecessiv tal-'main road user'** fuq id-determinazzzjoni tar-responsabilita' tas-sinistru, gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita' eccessiv ghal dik regolamnetari, jekk tirrizulta pruvata, tesponi lid-driver ghall-proceduri kriminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni tar-regolamenti tas-sewqan appositi; tali velocita' eccessiva fiha nfisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilita' ghall-incident jew kontributorju ghalih. **Irid jigi stabbilit sodisfacentement illi l-velocita' eccessiva kienet l-element determinanti li pprovoka l-incident u li tista titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut**, jew li jkun kkontribwixxa b’mod relevanti ghall-aggravament tad-danni kagjonati mill-istess sinistru.

Fil-kaz in ezami m’hemmx prova li kien hemm *speed* da parti ta’ l-attur u lanqas li dana kien l-element determinanti li pprovoka l-incident.

**Likwidazzjoni Danni**

**Danni**

**Dr. Anthony Bernard** l-espert nominat mill-Qorti sab li l-attur sofra ksur tal-galletta ta’ l-irkoppa l-leminija u kontuzjoni f’ghonqu. Peress illi hu tilef parti tal-galletta minhabba it-tifrik hemm riskju li jwassal ghall-isvilupp ta’ l-artrite il-quddiem. Hemm ukoll ugiegh u ebusija mill-ghonq dovut ghal xi ticrit ta’ muskoli u gheruq ghalkemm ma kien hemm ebda ksur jew spustament ta’ l-irkiekel ta’ l-ghonq. **Id-disabilita’ permanenti li sofra kawza ta’ dana l-incident hija ta’ 6%.**

**L-attur** xehed li kien operat f'irkuptejh il-leminija u dam sitt xhur ma jistax jahdem. Hu spicca b'xi snien mkissrin. Kellu wkoll zewg ghadmiet ta' ghonqu miksurin u gieli jkollu jilbes il-kullar.

Hu hallas ghal kura ta' snienu Lm47 (Dok R fol 28).
Hu kien jahdem bhala printer u kellu paga bejn Lm6,000 u Lm8,000 fis-sena (Dok R1 sa R 3 fol 29 - 30)
Meta korra kellu 45 sena.
Tilef sitt xhur paga (Dok a fol 65).
Il-karozza spiccat Total Loss (R4 sa R6 fol 31-33).
Kera garage biex izomm il-karozza fih: Lm105 (Dok fol 66).
Hallas ghall towing tal-karozza, darbtejn LM20 (Dok R 7 fol 34).

**Mario Cumbo** surveyor ma' Micallef Insurance xehed li s-Skoda kienet *total loss*. Kellha *pre accident value* ta' Lm3,000 u *wreck value* Lm300.

**Lucrum cessans**

L-espert nominat minn dina l-Qorti stabilixxa li l-attur ghandu disabilita' permanenti ta' 6%.
Meta gara l-incident l-attur kellu 45 sena u l-Qorti ser tiehu hajja lavorativa ta' 16 il-sena skond l-gurisprudenza l-aktar recenti.
Dwar *deduction* minhabba *Lump sum payment* il-Qorti ser tnaqqas 12% u dana billi ghaddew 4 snin minn meta gara l-incident. Ir-rata hija ta' 2% ghall kull sena skond sentenzi recenti (ara per ezempju PA JSP **Caruana vs Camilleri** 5/10/93).
L-attur kellu paga ta' bejn Lm6,000 u Lm8,000. Minhabba zidiet fil-paga li l-attur jista jibbenefika minnhom, izda ukoll minhabba l-incertezzi tal-futur, il-Qorti ser tikkalkola a bazi ta' paga ta' Lm7.000.

| | | |
|---|---|---|
| Lm7,000 x 16 | | Lm112,000 |
| 6% Disabilita' | | Lm6,720 |
| Lump sum payment deduction | - 12% | |
| **Lm5,913** | | |

**Damnum emergens**

| | |
|---|---|
| Lm3000 karozza less Lm300 wreck = | Lm2,700 |
| Zmien meta l-attur ma hadimx (sitt xhur) Lm3,500 | |
| Kera garage (setgha jehles mir wreck) | Lm100 |
| Towing | Lm20 |
| Kura snin | Lm47 |
| **Total** | **Lm6,367** |

**Total Danni**

| | |
|---|---|
| **Lucrum Cessan** | **Lm5,913** |
| **Damnum Emergens** | **Lm6,367** |
| **Total** | **Lm12,280** |

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi

Tilqa' t-talbiet attrici

U tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' Lm12,280; bl- imghax mid-data tas-sentenza (s-sentenza **Turner vs Agius** ghada fl- istadju ta' l-appell),

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------